MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 217/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**
**Vs**
**Kevin Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 4 ta’ Mejju, 2004, u moghitja fil-konfront tieghu inkwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ sitt (6) Liri Maltin ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Lulju, 2008, li biha, wara

li rat l-artikolu 76 tal-Kap. 406, sabet lill-appellant hati ta' l-akkuza kif dedotta w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hamest telef, tlett mija w tnejn u hamsin Euro u disghin centezmu (€5352.90), multa rapprezentattiva l-perjodu ta' bejn il-5 ta' Lulju, 2004 u t-22 ta' Lulju, 2005.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Lulju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata kontra l-appellant sabiex b'hekk tilliberah mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant hu fis-sens li f' dawn il-proceduri xehed biss quddiem l-Ewwel Qorti Paul Scicluna rapprezentant tal-Ufficcju tal-VAT li qal li l-appellant baqa' ma ottemperax ruhu mas-sentenza datata 4 ta' Mejju, 2004, li giet esebita kopja taghha. Ma kienx hemm provi ohra la mill-prosekuzzjoni w lanqas mid-difiza. Ma ngabitx prova tal-identita' tas-sentenza in kwistjoni w ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati. Ghalhekk hu kellu jigi liberat.

Fliet u ezaminat id-dokumentazzjoni kollha esebita;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi mill-kopja tal-istess sentenza jidher li din inghatat proprju fil-konfront ta' **"KEVIN BRINCAT - I.D. numru 379676, bin Edgar u Rita nee' Dalli, imwieled 10.02.1976 Res(idenza) 6, Ritian Court, Fl. 5, Triq il-Moletta, Swieqi, Malta." (ara fol. 14).**

Dawn huma preciz il-konnotati indikati fil-komparixxi li biha giet istitwita din il-kawza (Fol. 1 tal-process). Huma ukoll preciz il-konnotati li jidhru fuq il-fedina penali tal-appellant a fol. 12 li minnha jidher bla ebda ekwivoku li fl-4 ta' Mejju,

2004 hu kien instab hati ta' reat kontra l-ligi Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u mmultat LM100 u ordnat biex fi zmien xaharejn jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' LM6 kulljum, proprju kif jidher fis-sentenza esebita.

Ghalhekk din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, ma ghandha ebda dubju taht il-kappa tax-xemx li l-appellant odjern hu l-istess persuna li kontra tieghu nghatat is-sentenza tal-4 ta' Mejju, 2004. In-numru tal-Identity card, il-paternita', maternita, data tat-twelid u indirizz ta' residenza jikkombacjaw perfettament u ma hemmx il-htiega li jitla' jiddeponi xi xhud li jagharaf il-wicc tal-appellant f' reati amministrativi ta' din ix-xorta meta l-identita' tista' facilment tigi stabbilita' bla ebda dubju ta' xejn mill-konnotati tal-imputat fiz-zewg kawzi.

Ghalhekk l-appell hu manifestament infondat u jirrazenta l-appell fieragh.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------